MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 169/2012

**Mobisle Communication Ltd
C 24655**

**Vs**

**Cassar Paul
I.D. 750849(M)**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Marzu, 2012 fejn is-socjeta attrici talbet illi 'l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u disghin Ewro u tletta-il centezmu (€1,879.13) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 51032772* moghtija mis-Socjeta' attrici u dank if ser jigi 'ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie debitament interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjez kontra l-konvenut, bl-imghax legali kontra 'l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tal-5 ta' Dicembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna l-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf tmien mija u disghin Ewro u tletta-il centezmu (€1,879.13) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------